

Brussell, 20 ta' Mejju 2022  
(OR. fr)

8839/22

---

---

**Fajl Interistituzzjonali:**  
**2021/0377 (COD)**

---

---

EF 130  
ECOFIN 406  
CCG 28  
SURE 10  
CODEC 631

## NOTA PUNT "A"

---

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kunsill
Suġġett:	Regolament dwar il-Fond Ewropew tal-Investment fuq terminu twil (ELTIF) - Approċċ ġenerali

---

### I. INTRODUZZJONI

1. Fil-25 ta' Novembru 2021, il-Kummissjoni baġtet lill-Kunsill proposta għal Regolament<sup>1</sup>, li essenzjalment għandha l-għan li tagħmel il-Fond Ewropej tal-Investment fuq terminu twil (ELTIF) aktar attraenti għall-investituri. Din ser tidderieġi aktar kapital lejn investimenti fit-tul, b'mod partikolari biex tiffaċilita l-finanzjament tat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, filwaqt li żżomm livell għoli ta' protezzjoni għall-investituri u, b'mod partikolari, għall-investituri fil-livell tal-konsumatur.
2. Il-proposta għandha l-għan li tegħleb għadd ta' limitazzjonijiet f'termini kemm tal-provvista kif ukoll tad-domanda. Ir-reviżjoni proposta għalhekk tkopri r-regoli tal-kummerċjalizzazzjoni; il-kamp ta' applikazzjoni tal-assi u l-investimenti eliġibbli; il-kompożizzjoni tal-portafoll u r-rekwiżiti ta' diversifikazzjoni; is-self ta' flus kontanti u dispożizzjonijiet oħra tal-istatuti tal-fondi; rekwiżiti għall-awtorizzazzjoni, il-politiki tal-investment u l-kondizzjonijiet tal-operat tal-ELTIF.

---

<sup>1</sup> Dok. 14367/21 + ADD 1 sa ADD4

## II. SITWAZZJONI ATTWALI

3. Il-proposta ġiet diskussa fil-Grupp ta' Ħidma dwar is-Servizzi Finanzjarji u l-Unjoni Bankarja. Il-valutazzjoni tal-impatt tal-Kummissjoni<sup>2</sup> ġiet diskussa fil-laqgħa inizjali tat-2 ta' Diċembru 2021.
4. Fit-23 ta' Marzu 2022, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali ta l-opinjoni tiegħu dwar il-proposta għal regolament<sup>3</sup>.
5. Il-Parlament Ewropew għad irid jadotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari.
6. Fit-13 ta' Mejju 2022, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti qabel li jibgħat il-kompromess finali tal-Presidenza, kif jinsab fid-dokument 8840/22, lill-Kunsill għal approċċ ġenerali bħala punt mingħajr diskussjoni. It-test sussegwentement ibbenefika minn korrezzjonijiet immirati, ta' natura purament editorjali, kif jinsabu fid-dokument 8840/1/22 REV1.

## III. KONKLUŻJONI

7. Fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet ta' hawn fuq, huwa ssuġġerit li l-Kunsill:
  - jadotta l-approċċ ġenerali tiegħu dwar il-proposta għal regolament, kif jinsab fid-dokument 8840/1/22 REV1;
  - jistieden lill-Presidenza biex tagħti bidu, malajr kemm jista' jkun, għan-negozjati mal-Parlament Ewropew abbażi ta' dan il-mandat, bil-ħsieb li jintlaħaq qbil fl-ewwel qari.

---

<sup>2</sup> 14367/21 ADD 1 sa ADD3.

<sup>3</sup> 7706/22.